

## Panik ta' veru

Ġanni: Jaqq, jaaqq!

Mikiel: Xi nqala' ?!?

Ġ: Il-bram, hawn il-bram... Xi brama misset miegħi, hawn fuq spallti, għal ftit ma ġietx f'għajnejja... jaaaqq!

M: Ikkalma ħi... Jien ma rajtx bram ta, ġarist fuq li ġarist qabel ma nżilna. Tniggiżt?

Ġ: Le, imma ħassejha żgur, hekk, ratba, iżżeċċalaq... uffa!

M: Stenn... dak t'hemm, abjad ileqq?

Ġ: Ija dak, dik, ommima tlaqna, daqshekk baħar għal-lum, tqażżeż!

M: U ajma kemm int għażżeb! Ċert li brama dik? Jien borża tal-plastik qed nara...

Ġ: ... Veru jew?

M: Ija mela, araha, kollha tikmix, imċarrta, bl-ittri miktubin fuqha...

Ġ: U jaqq mhux xorta jaqq! Xi dwejjaq! Xorta tatni qatgħa. Insomma, l-aqwa li mhux brama...

M: Emminni, ma nafx x'nippreferi. Il-ġimħa l-oħra kien riħ isfel u tgħidix kemm daħal plastik, kull kulur, tavlozza sħiħa.

Ġ: Mhux baħar dan. Soppa taż-żibел sar!

M: Minestra. Kull sena jiżiżon iktar, u kull sena jidħol iktar bram. Ma ntikx tort li ħsibtha brama jiġifieri.

Ġ: L-ewwel tidħaq bija mbagħad ittini raġun. Tajba wkoll!

M: Kultant noqgħod naħseb, aħna ġenerazzjoni misħuta. Imbasta għandna aċċess għad-dinja kollha bil-mobile – lil hawn mill-iskrin, imbarazz biss issib! Tort tal-ġenituri tagħna, u ta' qabilhom...

Ġ: Ifhem, jien naf erba' ħelwin tamparna li għandhom ġabta jħallu ż-żibел warajhom wara xi fenkata...

M: Mitt darba u elf. Imma tal-anqas illum hawn iktar kuxjenza. Hu tal-ġimħa l-oħra pereżempju. Safejn naf jien qatt ma kienet din li ż-żgħażaq jagħmlu strajk u flok imorru skola, jipprotestaw fit-triq kontra t-tibdil fil-klima.

Ġ: Bilkemm tista' ssejjaħlu strajk, tal-iskola tawna permess. Xorta waħda, kien hemm bżonn ġew iktar nies. Mhux erba' qtates konna? M: Minnu wkoll. U xi żewġ politikanti li ġew għar-ritratt...

Ġ: Purċinelli!

M: Hux. Protesta tagħna kienet suppost. Fl-Ewropa imma, fit-toroq kien hemm folol kbar, tant li t-toroq għalquhom... U hawnhekk brodu. Irridu nibdlu l-istrateġija...

Ġ: Isa! X'se nagħmlu, mexxej tagħna? X'se tiproponi ħa nivvutalek?

M: U ħallik minn mexxej u mill-vot! Boqq, ma nafx eżatt. Irridu nippānikjaw, kif qalet dik l-Iżvediża. Mel'ejjew noħolqu panik, panik ta' veru. Norganizzaw protesta ikbar, imma ma ngħaddux mill-iskola. Il-protesta trid tkun tagħna.

Ġ: Ejja! U navża lill-kuġini tal-Belt, u niftieħmu fuq data.

M: U jien lil t'Għawdex. U ara kif il-kelma tixixerred malajr.

Ġ: Panik ma' Malta kollha.

M: U mela xiex. Tlaqna!